PARTIT NAZZJONALISTA

Nifs Ġdid

Programm Elettorali

# Is-Settur Privat

Nifs ġdid lis-self-employed, l-SMEs, u l-industrija biex jikbru bla xkiel

Nifs Ġdid

## Nifs Ġdid. Dan hu l-mument, tiegħek.

Din il-kampanja elettorali hija mibnija fuq wegħda ċara: b'dak li qed nipproponu rridu li nagħtu nifs ġdid lil Malta u Għawdex. Nifs ġdid lilek.

Fix-xhur li għaddew iltqajt ma' ħafna minnkom fid-djar, fil-pjazez u fuq il-postijiet tax-xogħol. Smajt it-tamiet, u l-aspirazzjonijiet tagħkom. Fuq kollox, fhimt kemm tħobbu lil pajjiżna. Bħalkom, jien kburi li jien Malti, u nemmen li flimkien nistgħu nibnu Malta u Għawdex li jistħoqqlok, li jistħoqqilhom uliedna.

Fil-programm elettorali qed nispjegaw kif nifs ġdid ifisser pajjiż li jerġa' jaħdem għan-nies: fejn inti jkollok aktar serħan il-moħħ, politika li tagħti futur liż-żgħażagħ f'pajjiżna, l-anzjani jgħixu bid-dinjità, u l-ħaddiema jkollhom paga aħjar. Nifs ġdid ifisser ukoll ekonomija ġusta fejn is-sidien tan-negozji jsibu gvern li jgħinhom u mhux li jfixkilhom, kura tas-saħħa fil-pront, edukazzjoni li tħejji għad-dinja ta' għada, sistema tat-trasport effiċjenti biex int ma tinqabadx fit-traffiku, kontijiet orħos u ambjent nadif li jagħtik nifs tajjeb għal saħħtek. Nifs ġdid ifisser ukoll Għawdex bħala reġjun b'potenzjal enormi li joffri futur lill-Għawdxin u jibqa' ġawhra għall-Maltin

Dan il-kapitlu, flimkien mal-bqija tal-programm elettorali, jippreżenta pjan ċar u realistiku biex inwettqu din il-viżjoni. Proposti konkreti biex intejbu l-ħajja tiegħek u nagħtu direzzjoni aġġornata lill-pajjiż.

Dan huwa l-impenn tagħna miegħek.
Flimkien nistgħu nagħtu lil Malta nifs ġdid.

**Alex Borg**
Kap tal-Partit Nazzjonalista



# Nifs ġdid lis-self-employed, l-SMEs u l-industrija biex jikbru bla xkiel

Is-Settur Privat

# L-ekonomija Maltija hija mibnija primarjament fuq in-negozji mikro u żgħar: il-ħanut lokali, il-mekkanik, l-artiġjan, l-importatur żgħir, in-negozju tal-familja, il-kuntrattur żgħir, il-professjonist, is-self-employed u l-imprenditur li għadu jibda. Dawn mhumiex l-eċċezzjoni, iżda l-qalba u l-pedament tal-ekonomija Maltija.

Madankollu, għal ħafna minn dawn in-negozji, il-ħajja saret aktar diffiċli. Qed jiffaċċjaw spejjeż akbar, burokrazija tqila, aċċess limitat għall-finanzjament, nuqqas ta' ħaddiema mħarrġa u tal-ħiliet, u kompetizzjoni inġusta minn operaturi akbar jew barranin bi strutturi u riżorsi li n-negozju żgħir Malti ma jistax ilaħħaq magħhom.

Gvern ġdid Nazzjonalista mmexxi minn Alex Borg jagħti nifs ġdid lin-negozju Malti – lis-sidien tan-negozji Maltin u Għawdxin.

Nifs ġdid ifisser inqas piżijiet u aktar ċans biex jikbru. Ifisser sistema tat-taxxa aktar ġusta għan-negozji mikro u żgħar, limiti tal-VAT li jirriflettu r-realtà tal-lum, inqas mili ta' formoli u karti, u regolamentazzjoni limitata għal dik meħtieġa. Ifisser ukoll aċċess aħjar għat-teknoloġija, it-taħriġ, l-ispazju industrijali u l-finanzjament. Ifisser qafas regolatorju fejn min jimxi skont il-liġi jiġi mħeġġeġ mhux ippenalizzat, filwaqt li min jabbuża jiġi indirizzat b'mod effettiv.

Il-proposti li qed nippreżentaw għas-sidien tan-negozji huma sempliċi u ġusti: negozju Malti li jaħdem, jinvesti u jħaddem jitqies bħala sieħeb fil-ġid tal-pajjiż. Mhux kulħadd jiflaħ jew għandu jsir multinazzjonali… iżda kull negozju mikro jew żgħir Malti għandu jkollu ċ-ċans li jikber, iżid id-dħul u l-qligħ, jimpjega aktar nies, jiġġedded u jħallas pagi aħjar.

Dan huwa verament nifs ġdid għan-negozji, għax ma nħarsux lejhom bħala sors ta' taxxa jew konformità, iżda bħala msieħba li joħolqu x-xogħol, id-dħul, komunitajiet ħajjin u futur aħjar għall-familji Maltin u Għawdxin.

Pjan ta' Azzjoni

# Aktar tkabbir u nifs ġdid lin-negozju Malti

In-negozji ż-żgħar f'pajjiżna qed joperaw f'ambjent li ma jagħmilx distinzjoni reali bejn min hu żgħir u min hu kbir. Qed jiffaċċjaw spejjeż dejjem akbar, diffikultajiet biex jaċċessaw il-fondi u piżijiet sproporzjonati tal-konformità, filwaqt li jħallsu l-istess rata tat-taxxa fuq il-kumpanija bħall-entitajiet kbar li jgawdu minn ekonomiji ta' skala, saħħa akbar ta' negozjar, aċċess eħfef għall-kapital, u l-abbiltà li jassorbu riskji li n-negozju ż-żgħir ma jistax.

Jekk irridu negozji Maltin b'saħħithom, irridu nifhmu kemm hu kritiku li jingħataw l-ispazju biex jieħdu n-nifs u dan mingħajr dewmien. Għalhekk, Gvern ġdid Nazzjonalista se jpoġġi lin-negozji mikro u żgħar fil-qalba nett tat-tkabbir ekonomiku ta' Malta, b'qafas fiskali li jkun ġust, proporzjonat u orjentat lejn it-tkabbir. Qafas li japprezza l-intraprenditorija, iħalli spazju għal investiment mill-ġdid u jippermetti lin-negozji jikbru mingħajr biża' li se jiġu ppenalizzati malli jibdew jirnexxu.

Gvern ġdid Nazzjonalista mmexxi minn Alex Borg inaqqas it-taxxa tal-kumpaniji għax jemmen li l-investimenti li jagħmlu fin-negozji tagħhom irendu aktar għalihom u s-sistema tat-tassazzjoni jeħtieġ tinċentivahom mhux toħnoqhom. Għaldaqstant jeħfiefu l-piżijiet amministrattivi biex is-self-employed u s-sidien tan-negozji żgħar ikunu ffokati aktar fuq in-negozju milli fuq il-mili tal-formoli li jista' jiġi evitat. Is-sidien tan-negozji ż-żgħar m'għandhomx jitpoġġew fl-istess keffa ma' operaturi akbar għax dawn jgħixu realtajiet differenti.

## Proposti Ewlenin

01

# Tnaqqis fit-taxxa fuq il-kumpaniji għall-intrapriżi mikro u żgħar

Gvern ġdid Nazzjonalista jdaħħal sistema tat-taxxa fuq il-kumpaniji aktar ġusta u proporzjonata għan-negozji Maltin, billi jintroduċi rati mnaqqsa u mqassma skont id daqs tan-negozju. L-intrapriżi mikro b'inqas minn 10 impjegati u b'turnover sa €2 miljun ikunu intitolati għal rata ta' 15%, filwaqt li l-intrapriżi żgħar b'inqas minn 50 impjegat u b'turnover sa €10 miljun ikollhom rata ta' 25%. Il-bqija tal-kumpaniji jibqgħu soġġetti għar rata standard ta' 35% biex is sistema tibqa' bilanċjata u sostenibbli.

02

# Sistema ta' tapering li tgħin lin-negozji meta jkunu qed jikbru

Biex nevitaw id-diżinċentiv, noħolqu sistema ta' tapering biex meta n-negozji jkunu qed iżidu d-dħul tagħhom, jiġu evitati qabżiet f'daqqa mir-rata ta' 15% għal 25%. Hekk niżguraw li s-suċċess u t-tkabbir ma jiġu ppenalizzati qatt.

03

# Għażla lill-azzjonist fuq id-dividend mill-profitti tal-intrapriżi mikro u żgħar

Meta l-profitt jitqassam lill-azzjonisti, kull individwu nagħtuh id-dritt jagħżel jekk jinkludix id-dividend mad-dħul personali tiegħu u jħallas it-taxxa skont ir-rata marġinali tiegħu, jew inkella – meta r-rata personali tiegħu tkun ogħla – jagħżel li d-dividend jitqies bħala soġġett għal taxxa finali, bl-istess mod kif illum japplika t-trattament tat-taxxa ta' 15% fuq id-dħul mill-imgħax. Din is-sistema toħloq aktar ġustizzja u sempliċità u tiżgura li l-azzjonisti ma jitilfux il-benefiċċju tat-tnaqqis.

04

## L-eżenzjoni mill-VAT għan-negozji żgħar tiżdied minn €35,000 għal €70,000

Gvern ġdid Nazzjonalista jqis lin-negozji ż-żgħar bħala l-qalba tal-ekonomija Maltija u għalhekk jiżgura li l-piż amministrattiv u fiskali jkun proporzjonat mad-daqs u mar-realtajiet tagħhom. Kommessi li ngħollu l-limitu tal-eżenzjoni mill-VAT minn €35,000 għal €70,000, u dan japplika għal kull tip ta' negozju żgħir, kemm tal-prodotti kif ukoll tas-servizzi. Din il-bidla teħtieġ titwettaq b'emendi fil-liġi tal-VAT, flimkien ma' komunikazzjoni ċara u diretta mas-self-employed, l-accountants u l-SMEs.

05

## Għażla lis-self-employed u lin-negozji ż-żgħar jekk jidħlux fis-sistema mtejba

Il-persuni u n-negozji li ma jaqbżux il-limiti l-ġodda jkollhom il-possibbiltà li jagħżlu jekk jibqgħux reġistrati għall-VAT jew jekk joħorġux mis-sistema attwali.

06

## Spinta lil 18,000 self-employed u negozju żgħir

Il-Kummissarju tat-Taxxi jissimplifika l-proċess tad-direġistrazzjoni biex negozji ż-żgħar ikunu jistgħu joħorġu mill-obbligi tal-VAT b'mod aktar faċli, ċar u mingħajr piż amministrattiv żejjed. Permezz ta' dan, bejn 12,000 u 18,000 negozju żgħir u self-employed jistgħu jinħelsu minn piżijiet amministrattivi żejda marbuta mal-VAT.

Aktar Proposti

# Inqas burokrazija, aktar taħriġ u spazju biex tikber

## 07. Taħriġ lill-impjegati ffinanzjat kompletament

Gvern ġdid Nazzjonalista se jestendi programmi approvati għal titjib fil-ħiliet u taħriġ mill-ġdid li jkunu mmexxija minn dawk li jħaddmu, biex l-SMEs u s-self-employed ikunu jistgħu jinvestu fil-ħiliet tal-ħaddiema tagħhom mingħajr il-piż finanzjarju li ħafna drabi ma jifilħux iġorru. Dawn il-programmi se jiffokaw fuq ħiliet diġitali, tekniċi, maniġerjali u ekoloġiċi, biex nibnu forza tax-xogħol aktar kompetittiva u ppreparata għall-ekonomija tal-futur.

## 08. 100 spazju industrijali ġdid u affordabbli għall-intrapriżi

Noħolqu mqar 100 spazju industrijali ġdid b'kirjiet affordabbli fuq perjodu twil għall-SMEs, għal skopijiet ta' workshops, manifattura u attivitajiet oħra ta' light industry. Isir awditjar tal-proprjetà industrijali tal-Gvern biex l-ispazji li llum mhumiex użati jew qed jintużaw ħażin jiġu allokati għal attività produttiva u għall-ħolqien tal-impjiegi.

## 09. Awtorità indipendenti tal-akkwist pubbliku

Inwaqqfu awtorità waħda, indipendenti u responsabbli quddiem il-Parlament biex tissorvelja l-akkwist pubbliku, tinvestiga l-abbużi, tippubblika d-deċiżjonijiet u tissimplifika l-parteċipazzjoni fis-sejħiet għall-offerti sa €500,000. B'hekk, l-SMEs ikollhom ċans aktar ġust jidħlu għal kuntratti pubbliċi.

## 10. Kummissarju għan-negozji u l-SMEs

Noħolqu Kummissarju Indipendenti għan-Negozji fl-Uffiċċju tal-Ombudsman biex l-intrapriżi jkollhom fejn jirrikorru meta jiltaqgħu ma' dewmien bla bżonn, deċiżjonijiet arbitrarji jew trattament inġust minn awtoritajiet jew entitajiet pubbliċi. Dan il-Kummissarju jkun obbligat jagħti rimedju jew risposta ċara fi żmien sa 30 jum, u jirrapporta pubblikament kull tliet xhur dwar il-każijiet u r-riżultati.

# Kapital, suq u esportazzjoni

## 11. Riforma fil-likwidità tal-Borża ta' Malta

Nintroduċu market makers, liquidity backstop u inċentivi għall-fornituri privati tal-likwidità biex il-Borża ta' Malta ssir aktar attraenti għall-kumpaniji u l-investituri. Din tgħin lin-negozji jikbru permezz ta' kapital lokali, mhux biss permezz ta' self bankarju.

## 12. Stock options għall-impjegati tal-istartups

Nintroduċu qafas fiskali fejn it-taxxa fuq stock options titħallas biss fuq il-qligħ meta l-ishma jinbiegħu, mhux meta jingħataw jew jiġu eżerċitati. B'hekk l-istartups ikunu jistgħu jattiraw it-talent anke jekk ma jkunux jistgħu jikkompetu fuq is-salarji mal-kumpaniji kbar.

## 13. Apprendistati kondiviżi għall-SMEs

Noħolqu korp ċentrali li jqabbel it-trainees u l-appredistati ma' diversi SMEs u jġorr parti mill-piż amministrattiv. B'dan il-mod, in-negozji żgħar ikunu jistgħu jibnu ħiliet lokali mingħajr il-piż ta' struttura tal-HR kumplessa, filwaqt li ż-żgħażagħ jiksbu esperjenza reali fuq il-post tax-xogħol.

## 14. Fond ta' €50 miljun għall-intrapriżi mikro Maltin

Bis-saħħa ta' Fond ta' €50 miljun, ninvestu direttament fl-intrapriżi mikro u l-imprendituri Maltin li jagħnu lis-setturi produttivi eżistenti. Dan il-Fond jagħtihom l-għodda biex jinvestu f'tagħmir modern, jiddiġitalizzaw, jespandu u joħolqu impjiegi sostenibbli f'pajjiżna.

## 15. Network ta' mentors għall-istartups

Inwaqqfu network nazzjonali ta' konsulenti multidixxiplinarji, aċċessibbli fuq helpline bla ħlas u punt uniku tal-kuntatt. L-istartups u n-negozji ġodda jkollhom gwida prattika dwar il-finanzi, it-taxxa, il-proprjetà intellettwali, ir-riżorsi umani, il-branding, l-esportazzjoni u l-governanza biex ikunu jistgħu jibnu l-kumpanija tagħhom fuq sisien sodi mingħajr l-ispiża ta' konsulenza għalja.

# Diġitalizzazzjoni, talent u innovazzjoni

## 16. SME Digital Pass

Nintroduċu SME Digital Pass li jipprovdi pakkett diġitali bażiku lil kull SME eliġibbli, inkluż software essenzjali, helpline apposta u taħriġ prattiku. Dan jgħin lill-iżgħar negozji jidħlu b'mod gradwali u sigur fil-kontabbiltà diġitali, is-CRM, il-kummerċ elettroniku u l-ġestjoni tal-proċessi, mingħajr biża' jew spiża kbira.

## 17. Viżi lill-fundaturi u r-riċerkaturi ta' kwalità

Inwaqqfu qafas selettiv ta' viżi biex Malta tattira fundaturi, riċerkaturi u professjonisti tekniċi ta' livell għoli li joħolqu proprjetà intellettwali, impjiegi u innovazzjoni. Din il-politika mhix dwar il-volum, iżda dwar it-talent ta' valur reali li jsaħħaħ l-ekonomija Maltija.

## 18. Kliniċi tal-proprjetà intellettwali

Noffru kliniċi speċjalizzati biex in-negozji u l-kreattivi jkollhom gwida esperta bla ħlas fuq il-patents, it-trademarks, il-copyright u l-kummerċjalizzazzjoni tal-proprjetajiet intellettwali. Wisq ideat Maltin jitilfu l-valur tagħhom għax ma jiġux protetti fil-ħin - aħna nbiddlu din ir-realtà.

## 19. Living Labs f'Malta u Għawdex

Noħolqu Living Labs - ambjenti għal ittestjar fil-ħajja reali - b'data, sensuri u governanza ċara biex il-prodotti u s-soluzzjonijiet ġodda jiġu ttestjati qabel jitqiegħdu fis-suq. Għawdex, b'mod partikolari, jista' jsir bażi ideali għal ittestjar tal-mobbiltà, l-enerġija nadifa u servizzi diġitali innovattivi.

## 20. National Skills Compact

Nistabbilixxu National Skills Compact - ftehim li jorbot lill-Gvern, l-industrija, il-unions, l-Università, l-MCAST u l-fornituri tat-taħriġ - biex il-ħiliet li noħolqu jkunu jaqblu mal-ħtiġijiet reali tal-ekonomija. Skills mapping annwali jsir obbligu effettiv, mhux eżerċizzju formali fuq il-karta.

## 21. "Made in Malta" - marka premium nazzjonali

Noħolqu l-marka "Made in Malta" bħala sinjal ta' kwalità għall-prodotti u s-servizzi Maltin li jilħqu standards għoljin tal-oriġini, tas-sengħa u tal-awtentiċità. Ingħata għajnuna fid-disinn, il-branding, il-proprjetà intellettwali, id-distribuzzjoni u l-promozzjoni internazzjonali biex il-valur miżjud Malti jasal fis-suq dinji.

# Inqas spejjeż

## 22. Reviżjoni tal-imposti bankarji u tas-SEPA

Fl-ewwel 100 jum inniedu reviżjoni indipendenti tal-imposti bankarji, biex l-imposti eċċessivi jew li jmorru kontra l-prinċipji tal-kompetizzjoni jitneħħew jew jiġu riformati. Fl-istess waqt, mill-1 ta' Jannar 2027 jitneħħew l-imposti SEPA, biex l-SMEs ma jibqgħux penalizzati meta jibagħtu jew jirċievu pagamenti fl-Unjoni Ewropea.

## 23. Trattament fiskali uniformi għall-ħwienet

Niżguraw li kull attività kummerċjali bl-imnut f'Malta – kemm Maltija kif ukoll barranija – tkun suġġetta għall-istess trattament tat-taxxa fuq id-dħul. Bis-saħħa ta' dispożizzjonijiet kontra l-abbuż se jingħalqu strutturi u arranġamenti li jagħtu vantaġġ kompetittiv inġust kontra n-negozju Malti li jopera onestament u li jħallas it-taxxi tiegħu lokalment.

# Koperattivi: mudell ta' ekonomija soċjali

## 24. Fond ta' kofinanzjament għall-koperattivi

Inwaqqfu Fond apposta biex jgħin lill-koperattivi jkopru l-parti tal-kofinanzjament meħtieġa biex jieħdu sehem fi proġetti Ewropej, biex ma jibqgħux jitilfu opportunitajiet ta' innovazzjoni, taħriġ, sostenibbiltà u żvilupp rurali.

## 25. Malta Co-operative Futures Fund

Inniedu Fond ġdid biex jipprovdi seed capital, self b'rati vantaġġużi u appoġġ tekniku lill-koperattivi ġodda f'oqsma bħall-kura, l-enerġija, id-diġitali, l-ikel u s-servizzi professjonali. Il-koperattivi jsiru pilastru ġdid tal-ekonomija Maltija.

## 26. Liġi moderna għall-banek u finanzjament koperattiv

Nirrivedu l-qafas legali biex nagħtu spazju għall-iżvilupp ta' banek koperattivi u strumenti finanzjarji adattati għall-koperattivi, biex aktar komunitajiet u SMEs ikollhom aċċess għal finanzjament ibbażat fuq il-fiduċja u r-relazzjoni fit-tul.

## 27. Dritt għall-koperattivi li joffru servizzi pubbliċi lokali

Nagħtu dritt ċar lill-koperattivi u lill-intrapriżi soċjali li jipparteċipaw fit-tmexxija ta' servizzi lokali bħall-kura, l-enerġija komunitarja u s-servizzi soċjali, qabel dawn jispiċċaw awtomatikament fis-suq privat tradizzjonali.

## 28. Skema ta' worker buyouts

Noħolqu qafas legali u finanzjarju biex il-ħaddiema jkunu jistgħu jixtru u jmexxu negozji vijabbli li s-sidien tagħhom ikunu jridu jagħlqu jew ibigħu, biex inżommu l-impjiegi, il-ħiliet u l-attività ekonomika fil-komunitajiet tagħna.

## 29. Użu soċjali ta' assi konfiskati u bini vojt

Noħolqu qafas biex il-proprjetà konfiskata jew il-bini pubbliku mhux użat jingħata prijorità lill-koperattivi għal housing, kura, produzzjoni lokali u servizzi komunitarji. Dak li jiġi mill-komunità jerġa' jservi lill-komunità.

## 30. Koperattivi fl-iskejjel, fl-MCAST u fl-Università

Indaħħlu tagħrif dwar il-koperattivi fil-kurrikulu u nħeġġu l-ftuħ ta' koperattivi tal-istudenti bħala laboratorji ħajjin ta' tmexxija demokratika, intraprenditorija u responsabbiltà ċivika. Irridu ġenerazzjoni li taf tibni flimkien, mhux biss tikkompeti.

## 31. Ċentru ta' appoġġ għall-koperattivi

Inwaqqfu servizz wieħed ta' appoġġ biex koperattivi ġodda u eżistenti jingħataw għajnuna legali, finanzjarja, diġitali u ta' governanza. Ħafna inizjattivi tajbin ma jimxux 'il quddiem għax ma jkollhomx l-appoġġ tekniku meħtieġ fil-ħin.

## 32. Kunsilli lokali bħala mutur tal-ekonomija koperattiva

Nagħtu rwol aktar attiv lill-Kunsilli Lokali biex jiffaċilitaw il-koperattivi komunitarji f'oqsma bħall-enerġija, il-kura, l-ikel u l-użu tal-ispazji pubbliċi. L-iżvilupp lokali għandu jinbena aktar minn isfel 'il fuq.

PARTIT NAZZJONALISTA

Nifs Ġdid

Dan hu l-mument tiegħek